



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.2.2014
COM(2014) 64 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT
EWROPEW**

dwar l-Approċċ tal-UE kontra t-traffikar ta' Organiżmi Salvaġġi

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-Approċċ tal-UE kontra t-traffikar ta' Organiżmi Slavaġi

1. IL-WIĊĊ ĠDID TAT-TRAFFIKAR TA' ORGANIŻMI SLAVAĠ: BIDLA DRAMMATIKA FIN-NATURA, L-ISKALA U L-IMPATT

Id-dinja bħalissa qed taffaċċja żieda sinifikanti fil-kummerċ illegali transfruntier ta' fawna u flora slavaġ (traffikar ta' organiżmi slavaġ). Globalment, dan il-kummerċ sar wieħed mill-iktar attivitajiet kriminali u li jħalli l-qlieġ. It-traffikar ta' organiżmi slavaġ mhux xi fenomenu ġdid iżda l-iskala, in-natura u l-impatti tiegħu nbidlu konsiderevolment matul l-aħħar snin. Riżoluzzjoni riċenti tan-NU¹ identifikat it-traffikar ta' organiżmi slavaġ bħala "reat organizzat serju" li jsir mill-istess tipi ta' gruppi kriminali organizzati globali responsabbli għal attivitajiet bħat-traffikar ta' persuni, drogi u armi. B'xi gruppi tal-milizzja li jużaw dan it-traffikar biex jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom, ġie rikonoxxut mis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u fil-Kunsill tas-Sigurtà li l-kaċċa illegali u t-traffikar ta' organiżmi slavaġ huma fost il-fatturi li jinstigaw l-instabbiltà fl-Afrika Ċentrali u li jheddu l-paċi u s-sigurtà fir-reġjun.²

Xi ċifri dwar il-volum u l-valur tat-traffikar tal-organiżmi slavaġ³

- Skont l-estimi fl-aħħar deċennju, l-għadd ta' iljunfanti Afrikani maqtula illegalment irdoppja, u l-kwantità ta' avorju maħtuf ttriplikat. Fl-2012, inqatlu madwar 22000 iljunfant. Fl-2013, inħatfu iktar minn 40 tunnellata ta' avorju illegali. Il-popolazzjoni Afrikana tal-iljunfat, stmata li tilħaq 500 000, mistennija li tonqos fis-sub-reġjuni Afrikani kollha.
- Fl-Afrika t'Isfel il-kaċċa illegali tar-rinoċeronte żdiedet b'mod qawwi. S'issa, inqatlu iktar minn 1000 animal fl-2013 meta mqabbel ma' 13 fl-2007. B'kollox mill-2010, fl-Afrika t'Isfel inqabdu b'mod illegali iktar minn 2500 speċi, li jammontaw għal 80 % tal-popolazzjoni sħiħa tar-rinoċeronte Afrikani. Fl-Afrika t'Isfel, jekk il-kaċċa illegali tkompli tiżdied bl-istess ritmu, sal-2016 il-popolazzjoni tar-rinoċeronte tagħha se tibda tonqos.
- Il-popolazzjoni dinjija tat-tiġri naqset minn 100 000 seklu ilu għal inqas minn 3500 illum. Il-kaċċa illegali hija responsabbli għal 78% tal-imwiet tat-tiġri ta' Sumatra.
- Il-valur tal-bejgħ mill-ġdid tal-qarn tar-rinoċeronte huwa stmat madwar

¹ Adottat waqt il-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità u l-Ġustizzja tal-Kriminalità u approvat mill-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-Nazzjonijiet Uniti.

² Rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tal-20 ta' Mejju 2013, S/2013/297, Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 2121 (2013).

³ Rigward l-attivitajiet illegali, diffiċli ħafna biex issir stima tal-volum u l-valur tat-traffikar tal-organiżmi slavaġ. Ir-riżorsi limitati disponibbli bħalissa fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi biex jiġġieldu din il-kriminalità tfisser li ċ-ċifri reali probabbilment huma ferm oġhla.

EUR 40.000/kilo (il-prezz kurrenti ta' 1 kg deheb huwa madwar EUR 31.000) filwaqt li l-avorju mhux maħdum jilħaq EUR 620/kilo bil-kuntribandu. L-għadam tat-tiġri jinbiegħ sa EUR 900/kilo.

- Huwa stmat li l-qtugħ illegali tas-siġar jammonta għal 30 % tal-kummerċ dinji tal-injam u jikkontribwixxi għal iktar minn 50 % tad-deforestazzjoni tropikali fl-Afrika Ċentrali, l-Amazōnja u x-Xlokk tal-Ażja.
- Huwa stmat li l-valur globali tas-sajd illegali huwa madwar EUR 10 biljun kull sena, li jammonta għal 19% tal-valur rappurtat tal-qabdiel.

Iż-żieda fit-traffikar ta' organiżmi slavaġ hija prinċipalment xprunata minn domanda għolja u li qed tikber għal prodotti ta' organiżmi slavaġ, speċjalment f'partijiet tal-Ażja,⁴ minħabba sitwazzjonijiet ta' faqar, governanza dgħajfa, instabbiltà u sitwazzjonijiet ta' kriżi u ffaċilitata minn nuqqasijiet fl-infurzar u minn sanzjonijiet deterrenti insuffiċjenti.

It-traffikar ta' organiżmi slavaġ jikkostitwixxi theddida serja għall-bijodiversità u għall-iżvilupp sostenibbli. Speċijiet emblematiċi bħall-iljunfanti, ir-rinoċeronti, ix-xadini kbar ta' bla denb, it-tiġri jew il-klieb il-baħar huma partikolarment affettwati mit-traffikar ta' organiżmi slavaġ, sal-punt li s-sopravivenza ta' wħud minnhom fl-ambjent salvaġġ hija mhedda. Il-kaċċa illegali tal-iljunfanti u r-rinoċeronti laħqet l-ogħla livelli tagħha fl-istorja riċenti, u xekklet l-irkupru li sar fl-aħħar tliet deċennji. Iżda t-traffikar ta' organiżmi slavaġ jikkonċerna ħafna iktar speċijiet ta' annimali u pjanti (pereżempju, il-qroll, ir-rettili, il-pangolini, pjanti u annimali użati għal skopijiet mediċinali) u prodotti (pereżempju l-injam, il-faħam, u l-laħam mill-annimali slavaġġ). Minħabba li qed jinfirx il-mard, is-saħħa pubblika tinsab ukoll f'riskju, minħabba li l-annimali jiddaħlu bil-kuntribandu f'żoni lil hinn minn kwalunkwe kontroll sanitarju.

It-traffikar ta' organiżmi slavaġ iċaħħad lil xi wħud mill-iktar popli marġinalizzati tad-dinja, inklużi komunitajiet indiġeni, minn opportunitajiet importanti għal għajxien sostenibbli. Il-prodotti ta' organiżmi slavaġ huma settur ekonomiku sinifikanti f'ħafna pajjiżi żviluppati u li qegħdin jiżviluppaw, jew direttament jew indirettament, pereżempju permezz tat-turiżmu. Il-gvernijiet jitilfu sorsi importanti ta' dħul minħabba l-kummerċ illegali ta' organiżmi slavaġ filwaqt li n-netwerks kriminali internazzjonali jibbenefikaw. It-traffikar ta' organiżmi slavaġ huwa marbut mill-qrib mal-korruzzjoni u l-flussi illeċiti tal-flus, pereżempju permezz tal-ħasil tal-flus u jaffettwaw b'mod negattiv l-istat tad-dritt u l-governanza tajba. It-traffikar ta' annimali slavaġġ jiswa wkoll diversi ħajjiet tal-bnedmin: fl-aħħar għaxar snin inqatlu madwar elf għassies tal-foresti waqt operazzjonijiet kontra l-kaċċa illegali ta' annimali slavaġġ.

L-UE tibqa' suq destinatariju kbir għal prodotti illegali ta' organiżmi slavaġ, b'domanda sinifikanti speċjalment għal speċijiet li jattiraw prezzijiet fis-suq tal-kuntribandu. Fl-istess ħin, il-portijiet u l-ajruporti ewlenin tal-UE huma punti ta' tranżitu importanti għal attivitajiet ta' traffikar, b'mod partikolari bejn l-Afrika u l-Ażja. Kull sena fl-UE issir madwar 2500 qabda ta' prodotti ta' organiżmi slavaġ fl-UE.⁵ Ċerti speċijiet rari ta' għasafar, qroll, ħut u

⁴ Pereżempju, iċ-Ċina hija destinazzjoni aħħarija kbira għall-użu tal-avorju, il-Vjetnam tal-qarn tar-rinoċeronte.

⁵ *Illegal Wildlife Trade and the European Union: an analysis of EU-TWIX seizure data for the period 2007-2011*. Rapport ippreparat għall-Kummissjoni Ewropea.

fkieren qed jiġu traffikati wkoll minn Stati Membri tal-UE, kemm fl-UE kif ukoll lejn pajjiżi terzi.

Skont l-Europol, ir-rwol ta' gruppi ta' kriminalità organizzata fit-traffikar ta' organiżmi slavaġ fl-UE qed jiżdied, abbażi tal-aspettattiva ta' profittabbiltà għolja b'riskju baxx ta' detezzjoni u livelli baxxi ta' sanzjonijiet.⁶

L-iskala u d-dimensjoni ġodda ta' traffikar ta' organiżmi slavaġ wasslu għal iktar attenzjoni politika, inkluż permezz ta' inizjattivi minn diversi Stati Membri tal-UE.⁷ Il-Parlament Ewropew talab li jkun hemm Pjan ta' Azzjoni ddedikat tal-UE.⁸ F'Diċembru 2012, l-Assemblea Ġenerali tan-NU esprimiet it-tfassib serju tagħha. Il-mexxejja tal-G8 kif ukoll il-Ministri tal-Finanzi Afrikani u l-mexxejja tal-Forum ta' Kooperazzjoni Ekonomika Ażja-Paċifiku APEC fl-2013, impenjaw ruħhom li jieħdu azzjoni sabiex jiġi indirizzat it-traffikar ta' organiżmi slavaġ.

L-għan ta' din il-Komunikazzjoni huwa li jiġbed l-attenzjoni għall-urġenza li tiġi indirizzata b'mod iktar effettiv il-problema globali tat-traffikar ta' organiżmi slavaġ. Hija tikkunsidra u tivvaluta l-miżuri eżistenti tal-UE sabiex tappoġġja l-għieda kontra t-traffikar ta' organiżmi slavaġ kemm globalment (parti 2) kif ukoll fl-UE (parti 3). Fl-aħħar nett, il-Komunikazzjoni tibda dibattitu dwar l-approċċ futur tal-UE għat-traffikar ta' organiżmi slavaġ.

2. AZZJONI GLOBALI KONTRA T-TRAFFIKAR TA' ORGANIŻMI SLAVAĠ

L-UE appoġġjat varjetà ta' inizjattivi sabiex issaħħaħ l-isforzi internazzjonali kontra t-traffikar ta' organiżmi slavaġ.

2.1. Jiġi rregolat il-Kummerċ

Il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Slavaġġ fil-Periklu (CITES) għandha l-għan li tiżgura li l-kummerċ internazzjonali ta' madwar 35 000 speċi ta' annimali u pjanti protetti ma jheddidx is-sopravivenza tagħhom. F'Marzu 2013, il-Partijiet għal CITES qablu dwar sensiela ta' azzjonijiet konkreti kontra l-kaċċa illegali u t-traffikar ta' speċijiet li jinsabu fil-periklu (eż. iljunfanti, rinoċeronti, tiġri, injam tropikali). L-UE hija minn tal-ewwel biex tappoġġja lill-Konvenzjoni u kellha rwol ċentrali fl-adozzjoni ta' dawn l-azzjonijiet.

Fil-qasam tat-traffikar tal-injam, l-UE ikkonkludiet Ftehimiet bilaterali ta' Sħubija Volontarja, li permezz tagħhom l-UE tappoġġja pajjiżi imsieħba fit-tisħiħ tal-governanza tas-settur tal-foresti u billi tibni sistema nazzjonali għat-traċċabbiltà u l-verifika tal-legalità. Il-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar l-Infurzar tal-Liġi tal-Foresta, Governanza u Kummerċ (FLEGT) ġie ssupplimentat mir-Regolament tal-UE dwar l-Injam sabiex jiġi żgurat li l-injam u l-prodotti tal-injam mqiegħda fis-suq tal-UE ikunu ta' oriġini legali.

⁶ Europol, Valutazzjonijiet ta' Theddid Serju u Organizzat 2011, 2012, 2013.

⁷ Il-Ġermanja flimkien mal-Gabon, organizzaw avveniment supplimentari ta' livell għoli waqt il-Ġimgħa tal-Assemblea Ġenerali Ministerjali f'Settembru 2013; Franza organizzat laqgħa rawnd table fl-okkażjoni tas-Samit tal-Kapijiet tal-Istat u tal-Gvern dwar il-Paċi u s-Sigurtà fl-Afrika fil-5 ta' Diċembru 2013; ir-Renju Unit qed jilqa' konferenza ta' livell għoli dwar il-Kummerċ Illegali ta' Organiżmi Slavaġ li se ssir fit-13 ta' Frar 2014.

⁸ Riżoluazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2014 (2013/2747(RSP)).

L-UE hija wkoll forza ewlenija fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat (IUU) fil-livell internazzjonali, li tippromwovi l-adozzjoni ta' miżuri komprensivi tas-suq u ta' kontroll u azzjonijiet konkreti fl-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Immaniġġjar tas-Sajd, il-FAO, in-NU u l-Interpol. L-UE ipprovdiet assistenza teknika lil iktar minn 50 pajjiż terz biex isaħħu l-konformità tagħhom mal-obbligi internazzjonali għall-ġlieda IUU. Bħala l-aħħar miżura wara li jkun sar kull sforz, jekk pajjiż terz jirrifjuta li jikkoopera, l-UE tista' tpoġġi lil dawn il-pajjiżi fuq lista sewda u konsegwentement tibblokka l-kummerċ tagħhom fil-prodotti tas-sajd mal-UE.

L-UE inkludiet dispożizzjonijiet li għandhom l-għan li jsaħħu l-implimentazzjoni effettiva ta' ftehimiet ambjentali multilaterali, kif ukoll dispożizzjonijiet relatati mal-kummerċ f'oqsma bħall-forestrija u s-sajd fi Ftehimiet dwar il-Kummerċ Fieles riċenti kollha (FTAs) ma' pajjiżi terzi (eż. l-Amerika Ċentrali, il-Kolombja/Perù, Singapor). Fin-negozjati FTA li għaddejjin, eż mal-Kanada, il-Ġappun, it-Tajlandja, l-Istati Uniti u l-Vjetnam, l-UE qed issegwi l-istess approċċ. Barra minn hekk, l-UE tipprowdi preferenzi kummerċjali addizzjonali permezz tal-arranġament speċjali tal-Iskema ta' Preferenzi Ġeneralizzata tagħha (GSP+) lill-pajjiżi vulnerabbli li qed jiżviluppaw li jirratifikaw u jimplimentaw konvenzjonijiet internazzjonali dwar żvilupp sostenibbli u governanza tajba, inklużi CITES.

2.2. Infurzar tar-Regoli

F'ħafna mill-pajjiżi kummerċjali sors, ta' tranżitu jew aħħarija affettwati mill-kaċċa jew mill-kummerċ illegali ta' organiżmi slavaġ, ir-riżorsi u l-impenn tal-aġenziji nazzjonali tal-infurzar tal-liġi għall-implimentazzjoni tar-regoli eżistenti mhumiex suffiċjenti. L-infurzar effettiv jibqa' sfida kruċjali u r-rotot kummerċjali illegali faċilment jistgħu jerġġu jingħataw direzzjoni sabiex jiġu sfruttati rabtiet dgħajfin fil-katina globali tal-infurzar.

Bħala d-donatur ewlieni (EUR1.73 miljuni) lill-Konsorzju Internazzjonali għall-Ġlieda kontra l-Kriminalità fuq Organiżmi Slavaġ,⁹ il-Kummissjoni għandha l-għan li tindirizza xi wħud minn dawn l-isfidi. Il-konsorzju jiffoka fuq informazzjoni internazzjonali u skambju ta' intelliġenza, koordinazzjoni ta' sforzi ta' infurzar, kif ukoll it-tisħiħ tal-infurzar u l-kapaċità tal-konformità, eż. billi l-pajjiżi jiġu mħeġġa jużaw il-Pakkett Analitiku tal-Għodda tal-Kriminalità kontra l-Organiżmi Slavaġ u l-Foresti tagħhom.

2.3. Appoġġ għal azzjoni u kooperazzjoni internazzjonali

L-UE u l-Istati Membri kollha huma partijiet għall-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali (UNTOC), li jista' jkollhom rwol importanti kontra t-traffikar ta' organiżmi slavaġ saħansitra billi t-traffikar ta' organiżmi slavaġ jiġi rikonoxxut bħala "reat organizzat serju", jiġifieri li jista' jiġi kkastigat b'sanzjoni massima ta' talanqas erba' snin ħabs. Bħalissa, il-limitu massimu ta' din is-sanzjoni mhux qed jintlaħaq mill-Istati Membri kollha għat-traffikar tal-organiżmi slavaġ. Strument importanti ieħor huwa l-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni: hemm Stat Membru wieħed li ma rratifikahex..¹⁰ S'issa, azzjoni konkreta u ddedikata dwar it-traffikar ta' organiżmi slavaġ taħt iż-żewġ Konvenzjonijiet baqgħet limitata. Jistgħu jiġu analizzati iktar il-merti ta' għodod speċifiċi, bħal pereżempju Protokoll addizzjonali għall-UNTOC.

⁹ ICCWC jinkludi is-CITES, l-Interpol, il-UNODC, il-Bank Dinji u l-Organizzazzjoni Doganali Dinjija.
¹⁰ Ir-Repubblika Ċeka u l-Ġermanja.

It-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja li tistabilixxi standards u tevalwa l-implimentazzjoni ta' miżuri kontra l-ħasil ta' flus inkludiet "reat ambjentali" fil-lista tagħha tal-2012 ta' offiżi kriminali li għandha tiġi kkunsidrata bħala rilevanti għall-miżuri kontra l-ħasil tal-flus.¹¹ Għodod bħal linjigwida, li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni, jistgħu possibbilment ikunu utli għall-ġlieda kontra t-traffikar ta' organiżmi slavaġ.

Fuq livell diplomatiku, l-UE qajmet il-problema tat-traffikar ta' organiżmi slavaġ direttament ma' sorsi ewlenin u pajjiżi ta' domanda, inkluż permezz ta' Delegazzjonijiet tal-UE. S'issa, il-fokus ewlieni tal-azzjoni internazzjonali kien fuq l-Afrika. L-istrateġija diplomatika tal-UE tista' tibbenefika minn impenn ikbar mal-pajjiżi ta' domanda ewlenin¹² u reġjuni oħra fejn it-traffikar ta' organiżmi slavaġ qed jikber, iżda anke fi djalogi ta' livell għoli u sħubijiet fil-livell reġjonali bħal kif ġara fil-ġlieda kontra s-sajd IUU. Tqajmu wkoll għadd ta' ideat oħra f'dan il-kuntest, bħat-tisħiħ tal-involvement tas-soċjetà ċivili u s-settur privat, u l-possibbiltà ta' Rappreżentant jew Mibgħut Speċjali tan-NU, li jlaqqa' flimkien u jimmonitorja l-perkorsi differenti tal-azzjoni globali.

Barra minn hekk, l-UE daħlet f'għadd ta' Ftehimiet ta' Sħubija u Kooperazzjoni ma' imsieħba terzi, eż mal-Indoneżja, il-Filippini, il-Vjetnam, it-Tajlandja u Singapor, li jesprimu l-impenn tal-partijiet li jagħmlu kull sforz biex jikkooperaw dwar kwistjonijiet ambjentali, inkluż permezz tal-bini tal-kapaċità għall-parteċipazzjoni fi u l-implimentazzjoni ta' ftehimiet ambjentali multilaterali. Dawn il-ftehimiet jinkludu wkoll dispożizzjonijiet dwar kooperazzjoni fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata.

2.4. Kooperazzjoni għall-Iżvilupp

Il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE qed tindirizza t-theddiet għall-organiżmi slavaġ billi tagħmel sforzi għall-appoġġ tal-konservazzjoni, il-bini tal-kapaċità u l-infurzar. B'konformità mal-Politika tal-UE għall-Iżvilupp li ġiet riveduta dan l-aħħar, l-UE hija konxja li l-indirizzar tat-traffikar ta' organiżmi slavaġ jirrikjedi wkoll miżuri għal perjodu ta' żmien twil sabiex jiġu pprovduti sorsi ta' dħul sostenibbli għall-komunitajiet lokali peress li l-involvement f'kummerċ illegali ta' organiżmi slavaġ ħafna drabi jista' jidher bħala għażla faċli li tiġġenera d-dħul.

Għal dawn l-aħħar 30 sena, l-UE allokat iktar minn EUR 500 miljun għall-konservazzjoni tal-bijodiversità fl-Afrika, b'portafoll ta' proġetti li għaddejjin bħalissa li għandhom valur ta' madwar EUR 160 miljun. Il-bżonn għal immaniġġjar xieraq u konservazzjoni tal-bijodiversità f'pajjiżi li qed jiżviluppaw xorta għadu jinħass ħafna.

Mill-2001, l-UE tat appoġġ finanzjarju ewlieni lill-programm MIKE¹³ b'kontribuzzjoni ta' EUR 12-il miljun li jkopri 71 sit fl-Afrika u fl-Ażja. F'Diċembru 2013, il-Kummissjoni approvat il-finanzjament ta' programm MIKES ġdid¹⁴ b'għotja ta' EUR 12.3 miljun.

¹¹ Standards Internazzjonali FATF dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu u l-proliferazzjoni 2012.

http://www.fatf-gafi.org/media/fatf/documents/recommendations/pdfs/FATF_Recommendations.pdf

¹² Il-ftehim riċenti ffirmat mill-Kummissarju Potocnik u l-Ministru Ċiniż għall-Ħarsien tal-Ambjent Zhou Sengxian dwar sforzi komuni għall-ġlieda kontra t-traffikar ta' organiżmi slavaġ, juri t-tali approċċ.

¹³ *Nimmonitorjaw il-Qtil Illegali tal-Iljunfanti (Monitoring the Illegal Killing of Elephants)*

¹⁴ *Nimminimizzaw il-Qtil Illegali tal-Iljunfanti u Speċijiet Mhedda Oħra*

L-UE tappoġġja għadd ta' proġetti nazzjonali u lokali, eż. fil-kuntest tal-Pjan ta' Azzjoni FLEGT u l-mekkaniżmu REDD. Barra minn hekk, firxa wiesgħa ta' proġetti ffinanzjati mill-UE għandhom l-għan li jnaqqsu l-korruzzjoni filwaqt li b'mod ġenerali, il-bini tal-kapaċità tal-prosekuzzjoni u tas-servizzi ġudizzjarji jappoġġjaw l-istat tad-dritt, li huwa essenzjali għas-suċċess tal-għieda kontra t-traffikar ta' organiżmi slavaġ.

Filwaqt li dawk l-inizjattivi kollha wasslu għal xi progress, is-sinerġiji bejn il-konservazzjoni, l-għajxien tal-popolazzjonijiet lokali, l-infurzar u l-governanza tajba mhux dejjem kienu sfruttati bizzżejjed. Barra minn hekk, is-sostenibbiltà għal tul ta' żmien twil ta' għadd ta' proġetti tibqa' fraġli minħabba sjieda u appoġġ insuffiċjenti mill-awtoritajiet nazzjonali u lokali (u xi drabi popolazzjonijiet) u minħabba dipendenza għolja fuq finanzjament estern. L-ipprogrammar tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE għall-perjodu 2014-2020 tirrappreżenta opportunità sabiex jiġu indirizzati dawk in-nuqqasijiet u sabiex jiġi stabbilit approċċ komprensiv dwar it-traffikar ta' organiżmi slavaġ.

3. AZZJONI TAL-UE KONTRA T-TRAFFIKAR TA' ORGANIŻMI SLAVAĠ

3.1. Nirregolaw il-kummerċ ta' organiżmi slavaġ

Il-kummerċ tar-riżorsi tal-organiżmi slavaġ, kemm lejn l-UE kif ukoll fl-UE, huwa rregolat permezz ta' set ta' regoli, bħar-Regolament 338/97 dwar il-Kummerċ tal-Organiżmi Slavaġ li jimplementa s-CITES fl-UE, ir-Regolament 995/2010 dwar l-Injam u r-Regolament 1005/2008 dwar l-IUU, li jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq tal-UE ta' injam maqtuġh illegalment u ħut maqbud illegalment rispettivament.

L-UE għandha wkoll leġislazzjoni stabbilita li tipprojbixxi l-qtil illegali ta' speċijiet mhedda, speċjalment id-Direttiva 147/09 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar slavaġġ u d-Direttiva 43/92 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa. Il-Kummissjoni adottat Pjan Direzzjonali bil-ħsieb li telimina l-qtil, l-insib u l-kummerċ illegali tal-għasafar u timmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni tiegħu.¹⁵

F'xi każijiet, netwerks kriminali ħadu xi vantaġġ mill-kumplessità tar-regoli dwar il-kummerċ ta' organiżmi slavaġ, speċjalment il-fatt li l-istess speċi tista' tkun suġġetta għal reġim kummerċjali differenti skont l-oriġini tagħha jew it-tipi ta' prodotti kkonċernati. Eżempju huwa l-kummerċ ta' trofej tal-kaċċa, li kienu eżentati minn ċerti restrizzjonijiet fuq il-kummerċ. L-UE kontinwament taġġorna u, fejn meħtieġ, tissikka r-regoli domestiċi tagħha biex tiżgura monitoraġġ iktar strett mill-awtoritajiet tal-infurzar.

3.2. Infurzar effettiv tar-regoli

Huwa meħtieġ infurzar effettiv tar-regoli fil-ktajjen ta' infurzar nazzjonali fl-Istati Membri, jiġifieri mill-awtoritajiet ambjentali u tas-sajd permezz ta' uffiċjali doganali u l-pulizija għall-prosekuzzjoni u l-ġudikatura.

Fl-2007, sabiex l-Istati Membri jiġu mħeġġa jtejbu l-infurzar tar-regoli tal-UE dwar il-kummerċ fl-ispeċijiet protetti mis-CITES, il-Kummissjoni adottat Pjan ta' Infurzar tal-UE fil-forma ta' rakkomandazzjoni.¹⁶ Il-Pjan jidentifika sett ta' azzjonijiet bħall-pjanijiet ta' azzjoni

¹⁵ www.ec.europa.eu/environment/nature/conservation/wildbirds/docs/Roadmap%20illegal%20killing.pdf

¹⁶ ĠU tal-20 ta' Ġunju 2007, L 159/45.

nazzjonali, penali ta' deterrent għal reati ta' kummerç ta' organiżmi slavaġ, u l-użu ta' valutazzjonijiet ta' riskju u intelliġenza. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet mhux vinkolanti madankollu ma ġewx implimentati b'mod ugwali fl-UE u ma jindirizzawx l-angolu ta' kriminalità organizzata tat-traffikar ta' organiżmi slavaġ.

Riżorsi limitati, in-nuqqas ta' unitajiet speċjalizzati fil-pulizija u l-prosekuzzjoni, u grad li jvarja ta' kooperazzjoni bejn aġenziji oħra tal-organiżmi slavaġ u tal-infurzar jimpedixxu b'mod ulterjuri l-infurzar effettiv. Il-leġiżlazzjoni dwar kriterji vinkolanti għal spezzjonijiet effettivi u sorveljanza mill-Istati Membri, kif mitkub mis-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-UE 2014 – 2020,¹⁷ tista' tgħin biex jitjieb l-infurzar tar-regoli tal-UE kontra t-traffikar ta' organiżmi slavaġ, jekk ikun ikkombinat ma' iktar prijorità mogħtija lil din il-kwistjoni.

Id-Direttiva 2008/99 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali tirrikjedi li l-Istati Membri kollha jiżguraw li l-kummerç illegali ta' organiżmi slavaġ jiġi kkunsidrat bħala reat kriminali taħt il-liġi nazzjonali u tirrikjedi li Stati Membri jipprovdu sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi. Madankollu, il-valutazzjoni inizjali tat-traspożizzjoni tagħha fil-liġi nazzjonali turi li għad hemm nuqqasijiet f'diversi Stati Membri li jeħtieġ li jiġu indirizzati.

Il-livelli ta' sanzjonijiet kriminali applikabbli għat-traffikar ta' organiżmi slavaġ ivarjaw b'mod sinifikanti fl-UE. F'xi Stati Membri il-livelli massimi ta' sanzjonijiet huma inqas minn sena ħabs. Dan ma jillimitax l-effett ta' deterrent tagħhom iżda ħafna drabi jipprekludi l-użu ta' għodod potenzjali importanti għal investigazzjonijiet transfruntiera jew nazzjonali kif ukoll għal kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri b'mod partikolari l-Mandat ta' Arrest Ewropew.

3.3 Taħriġ u bini tal-kapaċità

Infurzar effettiv jirrikjedi ħiliet tekniċi u sensibilizzazzjoni. It-taħriġ u l-bini tal-kapaċità jeħtieġu li jindirizzaw il-katina kollha tal-infurzar, inklużi l-prosekuzzjoni u l-awtoritajiet ġudizzjarji, sabiex jiġi evitat li jiġu investigati għadd kbir ta' każijiet iżda li ma jiġux imressqa u sabiex jiġi żgurat li s-severità tar-reat hija rikonoxxuta mill-imħallfin. Fil-livell tal-UE ittieħdu xi inizjattivi, pereżempju mill-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija CEPOL. L-ipprogrammar ta' strumenti finanzjarji rilevanti għall-perjodu ta' finanzjament li jmiss jipprovdi opportunità biex jiġu kkunsidrati nuqqasijiet eżistenti fil-ġlieda kontra t-traffikar ta' organiżmi slavaġ.

In-netwerks tal-UE ta' prattikanti tal-infurzar ambjentali,¹⁸ awtoritajiet doganali,¹⁹ prosekuturi u mħallfin²⁰ għandhom rwol importanti wkoll biex jibnu komunità tal-infurzar li tindirizza t-traffikar ta' organiżmi slavaġ. Għodod bħal EU-TWIX, bażi ta' dejta ristretta li tiffaċilita l-kooperazzjoni u l-qsim tal-intelliġenza bejn aġenziji tal-UE għall-infurzar ta' organiżmi slavaġ, jassistu fuq bażi kontinwa. Madankollu, l-istatus u l-finanzjament tan-netwerks huma żgurati biss għal terminu ta' żmien qasir u s'issa kooperazzjoni bejniethom hija limitata.

¹⁷ ĠU tat-28 ta' Diċembru 2013, L 354/171 www.ec.europa.eu/environment/newprg/pdf/PE00064_en.pdf

¹⁸ Eż. il-Grupp tal-Infurzar tal-Kummerç ta' Organiżmi Slavaġ u EnviCrimeNet.

¹⁹ Grupp ta' esperti dwar Azzjoni Doganali li tiproteġi s-Saħħa, il-Wirt Kulturali, l-Ambjent u n-Natura (Grupp ta' esperti PARCS).

²⁰ Network Ewropew ta' Prosekuturi għall-Ambjent; Forum Ewropew ta' Mħallfin għall-Ambjent.

3.4 Niġġieldu l-kriminalità organizzata

Il-kriminalità organizzata hija fattur dejjem iktar importanti fit-traffikar tal-organizzazzjoni slavaġ. B'mod ġenerali hemm diversi strumenti orizzontali tal-UE stabbiliti biex jindirizzaw din it-tip ta' kriminalità bħad-Deċiżjonijiet Qafas kontra l-Kriminalità Organizzata²¹ u dwar il-konfiska u l-irkupru tal-assi.²² Dawk l-istrumenti fil-prinċipju jistgħu jipprovdu għodod utli kontra traffikar organizzat ta' organizzazzjoni slavaġ. Madankollu, huma japplikaw biss meta jintlaħaq ċertu livell massimu ta' sanzjonijiet, li bħalissa mhux il-każ għat-traffikar ta' organizzazzjoni slavaġ fl-Istati Membri kollha.

L-investigazzjoni tal-flussi finanzjarji illegali assoċjati mal-kriminalità organizzata, eż permezz tal-ħasil tal-flus u l-evażjoni tat-taxxa, hija importanti fil-ġlieda kontra t-traffikar ta' organizzazzjoni slavaġ. Id-Direttiva tal-UE 2005/60²³ tipprevedi miżuri preventivi, speċjalment permezz ta' obbligi ta' diliġenza dovuta għal istituzzjonijiet finanzjarji sabiex jiġu identifikati tranżazzjonijiet finanzjarji suspettużi. L-iżvilupp ta' linjigwida speċifiċi dwar it-tifsira ta' "diliġenza dovuta" fil-kuntest ta' kriminalità ambjentali jista' jgħin biex jiġu identifikati reati ta' ħasil tal-flus f'dan il-kuntest speċifiku.

F'Ottubru 2013, l-Europol ħareġ valutazzjoni speċifika ta' kriminalità ambjentali li fost l-oħrajn iffukat fuq kummerċ ta' speċijiet mhedda.²⁴ Madankollu, l-Europol bħalissa ma għandux punt fokali ddedikat li jaħdem fuq kriminalità ambjentali. Kemm l-Europol kif ukoll l-Eurojust jistgħu jipprovdu assistenza importanti biex ilaqqgħu flimkien awtoritajiet nazzjonali rigward każijiet transfruntiera ta' traffikar ta' organizzazzjoni slavaġ u billi jipprovdu appoġġ analitiku u prattiku. Dan jirrikjedi li l-awtoritajiet ta' infurzar nazzjonali jipprovduhom b'input ta' dejta ta' kwalità u jressqu talbiet għall-assistenza tagħhom. S'issa, dan ma sarx biżżejjed għat-traffikar ta' organizzazzjoni slavaġ.

Il-prijoritajiet miftiehma tal-UE mill-2014 sal-2017 għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata²⁵ ma jinkludu ebda qasam ta' kriminalità ambjentali. Ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu fl-2015 se tipprovdi opportunità li terġa' tikkunsidra dawn il-prijoritajiet, b'kunsiderazzjoni għall-valutazzjoni riċenti tal-Europol tal-kriminalità ambjentali bħala theddida emerġenti fl-UE, sabiex ikun hemm riżorsi addizzjonali disponibbli u sabiex jintużaw iktar mekkaniżmi ta' kooperazzjoni transfruntiera.

3.5. Nimpnaw lis-Soċjetà Ċivili

Is-soċjetà ċivili hija sieħeb importanti għall-UE sabiex tiżgura li l-mobilizzazzjoni kontra t-traffikar ta' organizzazzjoni slavaġ tilħaq lill-partijiet interessati rilevanti kollha. Xi NGOs għandhom esperjenza konsiderevoli f'attivitajiet bħal kampanji ta' sensibilizzazzjoni, investigazzjonijiet f'imġiba illegali allegata jew taħriġ speċjalizzat, u l-kontribut tagħhom wera li huwa utli ħafna għall-assistenza tal-awtoritajiet pubbliċi fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika. L-UE tikkopera b'mod regolari ma' tali NGOs dwar kwistjonijiet relatati mat-traffikar ta' organizzazzjoni slavaġ.

²¹ Deċiżjoni Qafas 2008/841/JHA dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata.

²² Deċiżjoni Qafas 2005/212/JHA dwar il-konfiska ta' rikavat relatat ma' kriminalità, instrumentalitajiet u proprjetà, li bħalissa qed tiġi riveduta.

²³ Direttiva tal-UE 2005/60 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, li bħalissa qed tiġi riveduta.

²⁴ Valutazzjoni tal-Europol tal-2013 dwar it-Theddida tal-Kriminalità Ambjentali.

²⁵ www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_Data/docs/pressdata/en/jha/137401.pdf

4. KONKLUŻJONI

Jeżistu regoli komprensivi globali u fl-UE kollha li jirregolaw il-kummerç ta' organiżmi slavaġ, u l-UE tat appoġġ sinifikanti għal inizzjattivi kontra t-traffikar ta' organiżmi slavaġ, bħal immaniġġjar imtejjeb ta' żoni protetti, bini tal-kapaċità, u kooperazzjoni internazzjonali għall-infurzar. Madankollu, il-miżuri li ttehdhu matul l-aħħar għaxar snin mill-komunità internazzjonali ma kinux biżżejjed biex jipprevjenu ż-żieda riċenti fit-traffikar ta' organiżmi slavaġ li hija xprunata mid-domanda li dejjem tikber u mill-governanza fqira f'pajjiżi sors.

Problema ewlenija hija li għad hemm nuqqasijiet rigward l-infurzar effettiv ta' regoli eżistenti, kemm fl-UE kif ukoll globalment. Din ħafna drabi hija marbuta mal-prijorità politika baxxa mogħtija lill-kwistjoni, riżorsi insuffiċjenti fil-livell nazzjonali u nuqqas ta' sensibilizzazzjoni dwar il-gravità tal-problema.

Dgħjufija ewlenija oħra tal-politiki eżistenti hija li ma ġiex ikkunsidrat biżżejjed il-fatt li l-indirizzar ta' kriminalità organizzata jitleb l-involviment ta' atturi u strumenti differenti. B'mod simili, peress li l-aspetti tal-paċi u s-sigurtà tat-traffikar ta' organiżmi slavaġ saru evidenti dan l-aħħar, s'issa ftit li xejn kienu indirizzati fir-reazzjoni tal-UE għall-kriżi u l-politika barranija preventiva u l-politika tas-sigurtà.

L-importanza li tiġi indirizzata n-naħa tad-domanda tal-problema, ġie rikonoxxut dan l-aħħar mill-komunità internazzjonali, speċjalment fis-CITES, iżda ftit ittehdhu azzjonijiet f'dan ir-rigward.

Fi kliem ieħor, dak li s'issa kien nieqes huwa approċċ koordinat u komprensiv għat-traffikar ta' organiżmi slavaġ, li jindirizza kemm in-naħa tal-provvista kif ukoll in-naħa tad-domanda, u li jinvolvi lill-atturi rilevanti kollha f'oqsma politiċi differenti.

Il-Kummissjoni għaldaqstant tistieden lill-partijiet interessati kollha biex jikkontribwixxu għad-dibattitu dwar kif jindirizzaw aħjar l-isfidi ewlenin u r-rwol tal-UE f'dan l-approċċ futur kontra t-traffikar ta' organiżmi slavaġ. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tistieden kontribuzzjonijiet bil-miktub²⁶ dwar il-mistoqsijiet li ġejjin:

1. Il-politika u l-qafas leġislattiv li jinsabu fis-seħħ bħalissa fl-UE kontra t-traffikar ta' organiżmi slavaġ huma adegwati?
2. L-UE għandha ssaħħaħ l-approċċ tagħha għat-traffikar ta' organiżmi slavaġ billi tiżviluppa Pjan ta' Azzjoni ġdid tal-UE, kif mitlub mill-Parlament Ewropew?
3. Kif tista' l-UE żżid l-impenn politiku fil-livelli kollha kontra t-traffikar ta' organiżmi slavaġ? Liema jkun l-aħjar għodod diplomatiċi li jiżguraw koerenza bejn inizzjattivi internazzjonali differenti?
4. Liema għodod fil-livell internazzjonali għandha tiffoka fuqhom l-UE biex issaħħaħ l-infurzar kontra t-traffikar ta' organiżmi slavaġ u ssaħħaħ il-governanza?
5. Liema għodod huma l-iktar adattati għal azzjoni tal-UE biex tindirizza domanda internazzjonali u tal-UE għal prodotti illegali ta' organiżmi slavaġ? Xi rwol jista' jkollhom is-soċjetà ċivili u s-settur privat f'dan ir-rigward?

²⁶ Għandu jintbagħat sal-10 April 2014 lil env-eu-against-wildlife-trafficking@ec.europa.eu

6. Kif tista' l-UE żżid il-valur sabiex tindirizza l-implikazzjonijiet tal-paċi u s-sigurtà tat-traffikar ta' organiżmi slavaġ?
7. Kif jistgħu l-istrumenti ta' kooperazzjoni tal-UE jappoġġjaw aħjar ir-rinfurzar tal-kapaċitajiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw għall-konservazzjoni ta' organiżmi slavaġ u azzjoni kontra t-traffikar ta' organiżmi slavaġ?
8. X'miżuri jistgħu jittieħdu biex itejbu d-dejta dwar kriminalità fuq organiżmi slavaġ fl-UE sabiex jiġi żgurat li t-tfassil tal-politiki jista' jiġi mmirat b'mod iktar effettiv?
9. X'miżuri jistgħu jittieħdu biex isaħħu l-infurzar kontra t-traffikar ta' organiżmi slavaġ mill-awtoritajiet ambjentali, il-pulizija, id-dwana u s-servizzi tal-prosekuzzjoni fl-Istati Membri u biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn daww l-awtoritajiet? Kif tista' titqajjem kuxjenza fost il-ġudikatura?
10. Kif jistgħu għodod eżistenti kontra l-kriminalità organizzata fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri jintużaw aħjar biex jindirizzaw it-traffikar ta' organiżmi slavaġ? X'miżuri addizzjonali għandhom jiġu previsti, eż. rigward is-sanzjonijiet? F'dan ir-rigward, x'kontribut jistgħu jagħtu l-Europol u l-Eurojust?